

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI  
A6-0308/2007

3.9.2007

**\*\*\*II**

## **RAKKOMANDEZZJONI GĦAT- TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi, għall-perjodu 2007-2013, il-programm speċifiku “Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga” bħala parti mill-programm ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” (8698/4/2007 – C6-0258/2007 – 2005/0037B(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Inger Segelström

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwiya korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
PROĊEDURA .....	7



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi, għall-perjodu 2007-2013, il-programm speċifiku “Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga” bħala parti mill-programm ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” (8698/4/2007 – C6-0258/2007 – 2005/0037B(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (8698/4/2007 – C6-0258/2007),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>1</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0230)<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0308/2007),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
  2. Jiġbed l-attenzjoni għad-dikjarazzjoni li għamlet il-Kummissjoni fis-seduta plenarja ta' ... Settembru 2007 skond liema dikjarazzjoni “l-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha li tibgħat l-abbozz ta' programm annwali direttament liċ-Chairperson tal-Kumitat Parlamentari kompetenti (LIBE) u li tinforma lill-Parlament Ewropew mingħajr dewmien dwar kwalunkwe modifika li qed issirli”;
  3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Testi adottati, 14.12.2006, P6\_TA(2006)0579.

<sup>2</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fl-14 ta' Diċembru 2006, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-programm speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga" bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja". Fil-pożizzjoni komuni tiegħu mressqa lill-Parlament u skond il-ftehim fl-ewwel qari, il-Kunsill aċċetta l-emendi tal-Parlament, iżda rrifjuta dawk dwar il-possibiltà li l-Parlament iwaqqaf deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni, partikolarment meta jintgħażlu l-prijoritajiet annwali.

Wara l-adozzjoni mill-Parlament fil-11 ta' Lulju 2007 tal-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill biex tkun adottata deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi, għall-perjodu 2007-2013, il-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (2005/0040(COD)), il-Kunsill iddeċieda li japplika l-ftehim milħuq bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-proċedura tal-kumitat fil-każ tal-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" għall-programm speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga" wkoll, u emenda l-abbozz ta' pożizzjoni komuni tiegħu skond dan.

Għalhekk, il-pożizzjoni komuni li se titħabbar fis-seduta plenarja tat-Tnejn 3 ta' Settembru 2007, diġà fiha emenda bħal dik adottata mill-Parlament fil-11 ta' Lulju 2007 dwar il-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili". Sabiex ikunu żgurati t-tnedija tal-programm speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga" u l-iffinanzjar għas-sena 2007 mill-aktar fis possibbli, ir-rapporteur tipproponi li l-kumitat japprova l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.

Ir-rapporteur tistenna li fil-plenarja l-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha (kif imfisser fil-premessa 13 tal-pożizzjoni komuni) li tgħaddi l-informazzjoni meħtieġa lill-Parlament dwar l-abbozz ta' programmi ta' ħidma annwali. Se jkun hemm referenza għad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fir-risoluzzjoni leġislattiva kif kien hemm referenza għad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fir-risoluzzjoni leġislattiva dwar il-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" adottat mill-Parlament fil-11 ta' Lulju 2007.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga (2007-2013)	
<b>Referenzi</b>	08698/4/2007 - C6-0258/2007 - 2005/0037B(COD)	
<b>Data ta' l-ewwel qari tal-PE - Numru P</b>	14.12.2006	T6-0579/2006
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2006)0230 -	
<b>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja tal-komunikazzjoni tal-pożizzjoni komuni</b>	3.9.2007	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 3.9.2007	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Inger Segelström 6.6.2005	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	27.8.2007	3.9.2007
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	3.9.2007	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 15	-: 0
	0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alvaro, Philip Bradbourn, Giusto Catania, Esther De Lange, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Patrick Gaubert, Adeline Hazan, Ewa Klamt, Barbara Kudrycka, Roselyne Lefrançois, Inger Segelström, Adina-Ioana Vălean, Manfred Weber	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sophia in 't Veld, Bill Newton Dunn	